## VARIA ATQUE BREVIORA

**1.—Ir-Radikali fit-tifsira tal-kelma:**

Dawk il-kelmiet li jfissru *għemil kuntrarju* m'għandhom ebda waħda mill-konsonanti tagħhom bħal xulxin, ħlief 'l hawn u 'l hinn xi konsonanti tal-gerżuma: *oħron-rqiq; tajjeb-ħażin; hareġ-daħal; tala'-niżel; għalaq-fetaħ; ġie-mar; tqil-ħafif; waqa'-qam; twil-qasir; rebaħ-tilef; ħelu-morr; rabat-ħall; għadu-ħabib; ħaffer-wetta; żamm-reħa; ġabar-xerred; faqar-għana; libes-neża'; iebes-artab; sabiħ-ikrah.*

**2.—Konsonanti li jinxorbu fil-Għadd Imtenni:**

Meta fis-singular il-vokali aċċentata tal-kelma jkollha warajha konsonanti mtennija, dik il-konsonanti mtennija ssir waħda fil-Għadd Imtenni jekk warajha jkollha t-T Marbuta:—

Hekk insemmgħu: *ħabtejn* flok *ħabbtejn*; *xuftejn* flok *xufftejn*; *biċtejn* flok *biċċtejn*; *rkobtejn* flok *rkobbtejn*; *qoftejn* flok *qofftejn*.

**3.—Il-forma partiċipali** qiegħed **ta'** qagħad. **Funzjoni grammatikali tagħha:**

*Qiegħed* quddiem verb fl-imperfett jagħti lill-verb it-tifsira ta' parti̇ċipju attiv.

Eżempju: *qiegħed* jew *qed jilgħab; qiegħed jinża'; qiegħed jaqra.*

Fil-verbi intransitivi d-differenza bejn l-espressjoni *qiegħed jinżel* u l-parti̇ċipju attiv *nieżel* hija li fl-ewwel waħda hemm it-tifsira ta' għemil abitwali u fit-tieni hemm it-tifsra ta' għemil attwali.

Eżempju: *Qiegħed jinżel il-Belt kuljum; dal-ħin nieżel.*

**4.—Żvilupp ta' kliem:**

L-iżjed kliem sempliċi f'ilsien Malti huwa dak li hu magħmul mill-vokali twal *a, e, i, o, u.* Dan il-kliem nużawh għal espressjonijiet esklamativi.

*a* (ah!) tfisser ferħ; *e* (eh?) tfisser mistoqsija; *i* (ih) tfisser biżgħa jew stagħġib, ħasda; *o* (oh) tfisser għaxqa; *u* (uh) tfisser waħx.

Wara, jiġi dak il-kliem li hu magħmul minn sillaba waħda, jiġifieri minn konsonanti u vokali, bħalma huma l-kelmiet: *ma, pa, ta,* u xi partiċelli *di(n), da(n), sa, bi fi, le*; imbagħad il-kliem



l-ieħor li hu magħmul minn żewġ sillabi (b'vokali miftuħin) imtennijin, li iktarx issibu f'ilsien it-trabi jew tfal żgħar, bħal: *tetu, vava, mamma, pappa, bumbu, ċejċa, ninni, bambu,* eċċ., b'konsonanti labjali u mhux dentali.

Dan juri f'ilsien Malti, kif ukoll f'ilsna oħra, l-iżvilupp tal-lsien il-bniedem minn ittri vokaliċi onomapejtiċi għal espressjonijiet sillabiċi li bihom bil-mod il-mod ħarġet kull kelma li biha kull ilsien ifisser il-ħsieb ta' min jitkellem.

**5.—Id-desinenza** ier **fi kliem Malai:**

Kelma semitika Maltija ma tistax tispiċċa bid-desinenza *ier*. Il-vokali *a* mkaxkra żżomm il-leħen tagħha bla mittiefes quddiem l-aħħar konsonanti *r*, u ma tikserx f'*ie*. Hekk għandna *swar, bjar, mrar, fwar, xrar.*

**6.—**Minn **bis-suffissi pronominali f'espressjonijiet idjomatiċi:**

*Jiġi minnek* (qrubija); *minnek jonqos li ma tiġix*; *minnek jiġi li ma jistudjax*; *għandu minnek* (jixbhek); *x'sar minnu? ma jiġix minnu* (ma jixraqx); *ma hux minnu* (mhux tassew); *ħareġ minnha* (l-libsa); *x'minnek? Minnu wiċċu dejjem bil-geddum.*

**7.—**Għal **wara verb:**

*Għal* wara verb jista' jfisser *kontra* jew *favur.*

Kontra: *Dar għalija; għamel għalih; ħabat għalija; qam għalikom; dak mhux għal snienek; tah għalik; għawieh għalija; ħa għalih; dar għal difrejh.*

Favur: *Qabeż għalija; għamel ħafna għalija; talab għalik; waqa' għalih.*

*(jissokta)*

## INFAKKRU

**Infakkru lill-Imseħbin f'"Il-Malti" u lill-Membri tal-"Għaqda" sabiex, jekk jogħġobhom, iħallsu regolarment l-ammont li għandhom jagħtu lill-Kaxxier bħala mseħbin jew bħala membri. L-Amministrazzjoni twaqqaf il-ħruġ ta' "Il-Malti" għal dawk, li, wara avviż mill-Kaxxier ma jħallsux ir-rata jew rati li għandhom iħallsu. — Il-ħlas jista' jinbagħat jew jingħata lill-Kaxxier, is-Sur Victor Apap, fl-Uffiċċju tiegħu, l-Istamperija tal-Gvern, il-Palazz, il-Belt.**